

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.5195 — Pfizer/SP Assets)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 194/12)

1. Fit-22 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 u wara referenza skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Pfizer Inc. ("Pfizer", l-Istati Uniti ta' l-Amerika) takkwista fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill ċerti negozji fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali ("SP Assets") ta' il-kontroll sħiħ ta' Schering-Plough Corporation (l-Istati Uniti ta' l-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Pfizer: ir-riċerka, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali,

— għal SP Assets: drittijiet madwar iż-ŻEE kollha għall-prodotti tas-saħħa ta' l-annimali fl-oqsma tat-tilqim kontra E.coli lill-ħnieżer, it-tilqim kontra d-deni taż-żwiemel u kontra t-tetnu, it-tilqim kontra d-dizintetrija mat-twelid tar-ruminanti, it-tilqim kontra l-infezzjoni *clostridial* ta' l-annimali ta' l-ifrat, tat-tilqim kontra r-rabbja, għall-prodotti żoosanitarji għal annimali ta' kumpanija, parassitiċidi u aġenti kontra l-infjamazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5195 — Pfizer/SP Assets, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.